**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Jannar, 2002

**Numru 10**

**Avviz numru 1333/01JR**

**Theodore Azzopardi**

**vs**

**Dr. Joseph Azzopardi f'ismu u ghan-nom tas-socjeta` Marmista Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00), pretiz bhala l-hlas miftiehem bhala prezz ta' kwadri (frames) ordnati mill-konvenut u kkonsenjati lill-konvenut. Bl-imghax legali mis-17 ta' Awissu, 2001 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-16 t'Ottubru, 2001, kontra l-konvenut proprio et nominee ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' l-attur Theodore Azzopardi li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) bl-imghaxijiet legali mis-17 t'Awissu, 2001 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-16 ta' Ottubru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et nomine skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**